Nru./No. 21,189
Prezz/Price
€3.24

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 6 ta' Frar, 2024
Tuesday, 6th February, 2024

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 1185 - 1197
Government Notices ..... *1185 - 1197*

Avviżi tal-Pulizija ..... 1197 - 1200
Police Notices ..... *1197 - 1200*

Avviżi lill-Baħħara ..... 1200 - 1201
Notices to Mariners ..... *1200 - 1201*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 1201 - 1205
Employment Opportunities ..... *1201 - 1205*

Avviżi tal-Gvern ..... 1205 - 1209
Notices ..... *1205 - 1209*

Offerti ..... 1209 - 1215
Tenders ..... *1209 - 1215*

Avviżi tal-Qorti ..... 1215 - 1252
Court Notices ..... *1215 - 1252*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 161

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP, reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar il-Ħamis, l-1 ta' Frar, 2024, u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 144 tat-30 ta' Jannar, 2024, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

L-1 ta' Frar 2024
(OPM/19/2022)

Nru. 162

PUBBLIKAZZJONI TA' ATTI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali li l-Atti li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru IV tal-2024 imsejjaħ l-Att tal-2024 li jemenda l-Kodiċi Kriminali; u

Att Nru V tal-2024 imsejjaħ l-Att tal-2024 li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 2).

Is-6 ta' Frar, 2024

Nru. 163

MEDITERRANEAN OFFSHORE BUNKERING CO. LTD

Bord tad-Diretturi

NGĦARRFU b'din illi l-Bord tad-Diretturi tal-Mediterranean Offshore Bunkering Co. Ltd inħatar kif jidher hawn taħt b'seħħ mit-22 ta' Jannar, 2024, għal perjodu ta' sena (1).

Chairperson
Is-Sur Kenneth Swain

Diretturi
Is-Sa Rebecca Bartolo Cutajar
Is-Sa Daniela Bonnici Ciantar
Is-Sur Brian Borg

GOVERNMENT NOTICES

No. 161

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP, resumed duties as Prime Minister on Thursday, 1st February, 2024, and that the arrangements made by Government Notice No. 144 of the 30th January, 2024, ceased to have effect accordingly.

1st February, 2024

No. 162

PUBLICATION OF ACTS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Acts are published in the Supplement to this Gazette:

Act No. IV of 2024 entitled the Criminal Code (Amendment) Act, 2024; and

Act No. V of 2024 entitled the Criminal Code (Amendment No. 2) Act, 2024

6th February, 2024

No. 163

MEDITERRANEAN OFFSHORE BUNKERING CO. LTD

Board of Directors

IT is notified that the Mediterranean Offshore Bunkering Co. Ltd Board of Directors has been appointed as shown below with effect from 22nd January, 2024, for a period of one (1) year.

Chairperson
Mr Kenneth Swain

Directors
Ms Rebecca Bartolo Cutajar
Ms Daniela Bonnici Ciantar
Mr Brian Borg

Is-Sa Fiona Borg Lewis
Is-Sa Krista Caruana
Dott. Antonella Cilia
Is-Sur Mario Grima
Is-Sur Edwin Vella

Segretarju
Dott. Ryan Pace

L-1 ta' Frar, 2024

Nru. 164

MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA

Ħatra ta' Deputat Kummissarju tal-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika

Ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza approva l-ħatra ta' Dott. Cheryl Azzopardi bħala Deputat Kummissarju tal-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika.

Din il-ħatra hija b'seħħ mid-9 ta' Frar, 2024.

It-2 ta' Frar, 2024

Nru. 165

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAL-ISTANDARDS GĦALL-PERSUNI ANZJANI (KAP. 640)

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 6 tal-Att dwar l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani (Kap. 640), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru tas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, approva l-ħatra tal-Bord tad-Diretturi tal-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani, kif ġej:

Chairperson
Dott. Joseph Dimech

Viċi Chairperson
Fr Joseph Calleja

Membri
Is-Sur Paul Vella
Dott. Alexander Attard
Dott. Svetlana Sammut

Ms Fiona Borg Lewis
Ms Krista Caruana
Dr Antonella Cilia
Mr Mario Grima
Mr Edwin Vella

Secretary
Dr Ryan Pace

1st February, 2024

No. 164

MINISTRY FOR HOME AFFAIRS, SECURITY, REFORMS AND EQUALITY

Appointment of Deputy Commissioner for Gender Based and Domestic Violence

IT is hereby notified for general information that the Minister for Home Affairs, Security, Reforms and Equality has approved the appointment of Dr Cheryl Azzopardi as Deputy Commissioner for Gender Based and Domestic Violence.

This appointment is with effect as from 9th February, 2024.

2nd February, 2024

No. 165

OLDER PERSONS STANDARDS AUTHORITY ACT (CAP. 640)

IT is hereby notified for general information that in excercise of the powers conferred by Article 6 of the Older Persons Standards Authority Act, (Cap. 640), and for the purpose of that Act, the Minister for Health and Active Ageing has approved the appointment of the Board of Directors of the Older Persons Standards Authority as follows:

Chairperson
Dr Joseph Dimech

Deputy Chairperson
Fr Joseph Calleja

Members
Mr Paul Vella
Dr Alexander Attard
Dr Svetlana Sammut

Dott. Nadine Stivala
Is-Sa Philomena Meli

Segretarju
Is-Sur David Scicluna

Dawn il-ħatriet huma għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mill-5 ta' Diċembru, 2023.

Is-6 ta' Frar, 2024

Nru. 166

CASMA LIMITED

NGĦARRFU b'din illi l-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi għoġbu jaħtar il-Bord ta' CASMA Limited għal perjodu ta' sentejn validu sal-25 ta' Settembru, 2024, kif ġej:

Chairperson
Is-Sur Harold Walls

Diretturi
In-Nutar Joe Cilia
Is-Sa Giovanna Ciantar
Is-Sur Johann Formosa
Is-Sur Charlie Dingli

Segretarju
Is-Sur Walter Xuereb

Is-6 ta' Frar, 2024

Nru. 167

ĦATRA TA' AĠENT NUTAR PRINĊIPALI TAL-GVERN

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja:

Dr Nadine Stivala
Ms Philomena Meli

Secretary
Mr David Scicluna

These appointments are for a period of three years with effect from the 5th December, 2023

6th February, 2024

No. 166

CASMA LIMITED

IT is hereby notified that the Minister for the Economy, Enterprise and Strategic Projects has appointed the Board of CASMA Limited for a period of two years, valid till 25th September, 2024, as follows:

Chairperson
Mr Harold Walls

Directors
Notary Joe Cilia
Ms Giovanna Ciantar
Mr Johann Formosa
Mr Charlie Dingli

Secretary
Mr Walter Xuereb

6th February, 2024

No. 167

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF NOTARY TO GOVERNMENT

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice and Reform of the Construction Sector has approved the following acting appointment:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
In-Nutar Dott. Paul Callus	Aġent Nutar Prinċipali tal-Gvern *Acting Chief Notary to Government*	Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern *Office of the Notary to Government*	7.2.2024 - 15.2.2024

Is-6 ta' Frar, 2024

6th February, 2024

Nru. 168

ATT DWAR IL-KONVENZJONI TAL-ĠNUS MAGĦQUDA DWAR ID-DRITTIJIET TA' PERSUNI B'DIŻABBILTÀ (KAP. 627)

A.L. 210 TAL-2022

Regolamenti tal-2022 dwar ENGAGE

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 3 tal-Avviż Legali numru 210 tal-2022, l-Att dwar il-konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà, u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat ħatret lis-Sur Dean Sammut u s-Sa Isabel Portelli bħala membri tal-Bord ENGAGE għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mill-31 ta' Jannar, 2024.

It-2 ta' Frar, 2024

No. 168

UNITED NATIONS CONVENTION ON THE RIGHTS OF PERSONS WITH DISABILITIES ACT (CAP. 627)

L.N. 210 of 2022

ENGAGE Regulations 2022

IN exercise of the powers conferred by Article 3 of the Legal Notice number 210 of 2022, United Nations Convention on the Rights of Persons with Disabilities Act, and for the purpose of that Act, the Minister for Inclusion and the Voluntary Sector has appointed Mr Dean Sammut and Ms Isabel Portelli as members of the ENGAGE Board for a period of three years with effect from 31st January, 2024.

2nd February, 2024

Nru. 169

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJAU R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 7 ta' Lulju, 2022, mogħtija mill-Qorti tal-Familja f'Norwich, l-Ingilterra, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan ai termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

Is-6 ta' Frar, 2024

No. 169

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE AND REFORM OF THE CONSTRUCTION SECTOR

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector has made this Order whereby the Adoption Order dated 7th July, 2022, issued by the Family Court in Norwich, England, is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice and Reform of the Construction Sector

6th February, 2024

Nru. 170

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 27 ta' Settembru, 2023, mogħtija mill-Court of District Judge f'Chiplun, l-Indja, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna

No. 170

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE AND REFORM OF THE CONSTRUCTION SECTOR

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector has made this Order whereby the Adoption Order dated 27th September, 2023, issued by the Court of the District Judge in Chiplun, India, is being specified as an adoption of the person therein mentioned

hemmhekk imsemmija u dan ai termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja u
r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

Is-6 ta' Frar, 2024

Nru. 171

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 17 ta' Settembru, 1974, mogħtija mill-East Grinstead County Court fl-Inghilterra, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan a termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja u
r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

Nru. 172

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,186 tat-30 ta' Jannar, 2024 (Avviżi Legali 15 sa 16) u l-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,188 tat-2 ta' Frar, 2024 (Avviżi Legali 17 sa 21) rispettivament.

A.L. 15 tal-2024: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123), Ordni tal-2021 li jemenda l-Ordni dwar Ħlasijiet minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-*Income*) (Konfederazzjoni Żvizzera) (A.L. 198 tal-2021); Avviż ta' Bidu fis-Seħħ.

A.L. 16 tal-2024: Att dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Informazzjoni tas-Settur Pubbliku (Kap. 546), Regolamenti tal-2021 dwar Reġistru ta' Persuni u Tqassim ta' *Data* Personali fi ħdan is-Settur Pubbliku (A.L. 439 tal-2021) (L.S. 546.03); Avviż ta' Bidu fis-Seħħ.

A.L. 17 tal-2024: Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kreditu lill-Konsumatur.

for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice and
Reform of the Construction Sector

6th February, 2024

No. 171

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE AND REFORM OF THE CONSTRUCTION SECTOR

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector has made this Order whereby the Adoption Order dated 17th September, 1974, issued by East Grinstead County Court, England, is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice and
Reform of the Construction Sector

No. 172

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 21,186 of 30th January, 2024 (Legal Notices 15 to 16) and Government Gazette No. 21,188 of 2nd February, 2024 (Legal Notices 17 to 21) respectively.

L.N. 15 of 2024: Income Tax Act (Cap. 123), Double Taxation Relief (Taxes on Income) (The Swiss Confederation) (Amendment) Order, 2021 (L.N. 198 of 2021); Commencement Notice.

L.N. 16 of 2024: Re-Use of Public Sector Information Act (Cap. 546), Person Register and Personal Data Sharing within the Public Sector Regulations, 2021 (L.N. 439 of 2021) (S.L. 546.03); Commencement Notice.

L.N. 17 of 2024: Consumer Affairs Act (Cap. 378); Consumer Credit (Amendment) Regulations, 2024.

A.L. 18 tal-2024: Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Kreditu għall-Konsumaturi marbutin ma' Proprjetà Immobbli Residenzjali.

L.N. 18 of 2024: Consumer Affairs Act (Cap. 378); Credit Agreements for Consumers relating to Residential Immovable Property (Amendment) Regulations, 2024.

A.L. 19 tal-2024: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Ordni tal-2024 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq l-*Income*.

L.N. 19 of 2024: Income Tax Act (Cap. 123); Income Tax Exemption (Amendment) Order, 2024.

A.L. 20 tal-2024: Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap. 595); Ordni tal-2024 li jemenda l-Ordni li jwaqqaf l-Aġenzija li toffri Sapport lill-Vittmi.

L.N. 20 of 2024: Public Administration Act (Cap. 595); Victim Support Agency (Establishment) (Amendment) Order, 2024.

A.L. 21 tal-2024: Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta (Kap. 77); Regolamenti tal-2024 li jemendew ir-Raba' Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta.

L.N. 21 of 2024: Conduct Certificates Ordinance (Cap. 77); Conduct Certificates Ordinance (Amendment of Fourth Schedule) Regulations, 2024.

Is-6 ta' Frar, 2024

6th February, 2024

Nru. 173

No. 173

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

DUTY ON DOCUMENTS AND TRANSFERS ACT (CAP. 364)

Avviż skont l-Artikolu 61(1)

Notice in terms of Article 61(1)

SKONT id-dispozzizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 61 (1) tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana b'dan jgħarraf lill-persuni msemmija aktar 'l isfel biex imorru fid-Dipartiment tal-Capital Transfer Duty, 46, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, sabiex jiġbru l-avviżi magħmula fuqhom.

IN Terms of the proviso to article 61 (1) of the Duty on Documents and Transfers Act, the Commissioner for Tax and Customs hereby notifies the persons listed hereunder to call at the Capital Transfer Duty Department, 46, Triq il-Merkanti, Valletta, to collect the notices made on such persons.

Isem *Name*	Karta tal-Identità *ID Number*	Numru tat-Talba *Claim Number*
Mercieca Alessandro	85363M	IV 158301
Mercieca Alessandro	85363M	IV 158305
Mercieca Alessandro	85363M	IV 158307
Amato Gauci Maria Romana Natalia Adriana	437784M	IV 158620
Camilleri Ann Blanche	458172M	IV 158173
D'Anastasi Chris	442489M	IV 158233
Agius Neville	326871M	IV 158090
Formosa Mario	235979M	IV 155698
Aquilina Alfred	253844M	IV 154729
Cassar Antoine	346179M	IV 155322
Tabone Jonathon	116381M	IV 155835

Isem *Name*	Karta tal-Identità *ID Number*	Numru tat-Talba *Claim Number*
Ellul Michael	581177M	IV 155175
Borg Edwin obo Charles Camilleri	150764M	IV 154947
Vassallo Eugenio (Eugenio Philip)	239177M	IV 154937
Aquilina Doris	496835M	IV 158141
Camilleri Michael	282183M	IV 158133
Abdelbaki Moufid	482112L	IV 155082
Scolaro Giovanni	138390A	IV 150843
Sandstroem Johan Christopher	114559A	IV 158131
Kiomall John	890311615	IV 149884
Stepanian Armen	891943213	IV 158308
Mercieca Georgette et	888104112	IV 152654
Sultana Joseph et	891490635	IV 154435
J&J Holdings Limited	999123736	IV 158391
Mem Investments Limited	994741133	IV 158267
Lux Developments Limited	999895920	IV 155910
Deluxe Properties Limited	996646235	IV 154872
J.D.R. Mifsud Limited	990016008	IV 154877
Farrugia Rose	Driving Licence GF 66543	CM 056185
Caruana Joseph	2475G	CM 054658
Milosavljevic Marko	170998A	SV 051170
Galea Rosaria	271545M	SM 050451

Is-6 ta' Frar, 2024

Nru. 174

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
6.2.2024	€60.732	€0.684

Is-6 ta' Frar, 2024

6th February, 2024

No. 174

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

6th February, 2024

Nru. 175

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIŻ-ŻEJTUN

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija fiż-Żejtun, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 175

NUMBERING OF DOORS AT IŻ-ŻEJTUN

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at Iż-Żejtun, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*

IŻ-ŻEJTUN

TRIQ IL-ĦALL

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Carmelo Carabott

Left side entering from Triq Carmelo Carabott

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garaxx	1
Garaxx	3
El Shaddai	5
Garaxx	7
Danielaine (Garaxx)	9
Garaxx	11
Caipirosca	13
Arised	15
Garaxx	17

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Carmelo Carabott

Right side entering from Triq Carmelo Carabott

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Daħla għall-garaxxijiet	2
Bieb bla numru	4
Bieb bla numru	6
Bieb bla numru	8
Garaxx	10
Sacred Heart	12
Adrija	14
Garaxx	16
Katrina	18
Garaxx	20
Bieb bla numru	22
Garaxx	24
Caorle	26

Is-6 ta' Frar, 2024

6th February, 2024

Nru. 176

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'BIRKIRKARA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1284 tal-24 ta' Settembru, 2021, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Birkirkara', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 176

NUMBERING OF DOORS AT BIRKIRKARA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 1284 dated 24th September, 2021, under the title 'Numbering of doors at Birkirkara', the following amendments in **bold** should be made.

BIRKIRKARA

2. TRIQ L-IMSIDA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Kbira

Left side entering from Triq il-Kbira

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
56	113
Bieb bla numru (Flettijiet)	115

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Kbira

Right side entering from Triq il-Kbira

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Daħla għall-garaxxijiet	117		
Bieb bla numru	119		
Ħanut	121		

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
113	113		
Polaris (Dar)	**115**		
117 (Daħla għall-garaxxijiet)	117		
Bert Apartments	**119**		
121 (Ħanut)	121		

Is-6 ta' Frar, 2024 6th February, 2024

Nru. 177 **No. 177**

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'BIRŻEBBUĠA

NUMBERING OF DOORS AT BIRŻEBBUĠA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjonijiet tal-Gvern Nri. 503 tat-2 ta' Lulju, 1998 u 1009 tal-21 ta' Novembru, 2008, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Birżebbuġa', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

Amendments

WITH reference to Government Notices Nos. 503 dated 2nd July, 1998 and 1009 dated 21st November, 2008, under the title 'Renumbering of doors at Birżebbuġa', the following amendments in **bold** should be made.

BIRŻEBBUĠA

42. TRIQ SAN MIKIEL

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Birżebbuġa

Left side entering from Triq Birżebbuġa

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Birżebbuġa

Right side entering from Triq Birżebbuġa

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru (Bitħa)	128
63, Seanymph	130
St Andrew	132
Bieb bla numru	134

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		128	128
		130 (Garaxx)	**130**
		122, Siren	**132**

* In-numru 134 mhux se jintuża peress li nfetħu inqas bibien milli kien hemm mibni oriġinarjament

Nru. 178

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-GUDJA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 530 tal-11 ta' Mejju, 2012, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Gudja', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 178

NUMBERING OF DOORS AT IL-GUDJA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 530 dated 11th May, 2012, under the title 'Renumbering of doors at Il-Gudja', the following amendments in **bold** should be made.

IL-GUDJA

TRIQ SAN MARK

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Magħsar

Left side entering from Triq il-Magħsar

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Magħsar

Right side entering from Triq il-Magħsar

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
25 (Persjana)	36
24	38
23	40

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
36 (Persjana)	36
Garaxx	**38**
38, Casa Degli Antenati	**38A**
40	40

Is-6 ta' Frar, 2024

6th February, 2024

Nru. 179

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FL-IMSIDA

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1021 tal-31 ta' Awwissu, 2018, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fl-Imsida', għandha ssir din l-emenda kif indikata b'tipi **grassi**.

No. 179

NUMBERING OF DOORS AT L-IMSIDA

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 1021 dated 31st August, 2018, under the title 'Numbering of doors at L-Imsida', the following amendment in **bold** should be made.

L-IMSIDA

6. TRIQ TAL-QROQQ

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Tal-Ħriereb

Left side entering from Triq Tal-Ħriereb

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	41
Magda	43
Corad	45

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Tal-Ħriereb

Right side entering from Triq Tal-Ħriereb

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
41 (Garaxx)	41

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Tal-Qroqq Suites	**43**		
45, Corad	45		

Is-6 ta' Frar, 2024

6th February, 2024

Nru. 180

No. 180

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'MARSASKALA

NUMBERING OF DOORS AT MARSASKALA

Emendi

Amendments

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 708 tat-3 ta' Ottubru, 1997, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Marsaskala', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

WITH reference to Government Notice No. 708 dated 3rd October, 1997, under the title 'Renumbering of doors at Marsaskala', the following amendments in **bold** should be made.

MARSASKALA

10. TRIQ ID-DOLMEN

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq is-Silla

Left side entering from Triq is-Silla

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Warda Mistika	71
Plot 2, 8th December	73
Garaxx	75
Il-Quċċata	77

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq is-Silla

Right side entering from Triq is-Silla

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
71, Warda Mistika	71
73, Jade (Flettijiet)	**73**
Hazel	**75**
Daħla għall-garaxxijiet	**75A**
77, Il-Quċċata	77

Is-6 ta' Frar, 2024

6th February, 2024

Nru. 181

No. 181

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIŻ-ŻEJTUN

NUMBERING OF DOORS AT IŻ-ŻEJTUN

Prolungament

Prolongation

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 874 tas-26 ta' Settembru, 2003, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fiż-Żejtun', għandu jsir dan il-prolungament kif indikat b'tipi **grassi**.

WITH reference to Government Notice No. 874 dated 26th September, 2003, under the title 'Renumbering of doors at Iż-Żejtun', the following prolongation in **bold** should be made.

IŻ-ŻEJTUN

60. TRIQ TAT-TUSS

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Taltas

Left side entering from Triq Taltas

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
9 (Grada)	9

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Taltas

Right side entering from Triq Taltas

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jiżdiedu
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	**11**		
Bieb bla numru (Flettijiet)	**13**		
Garaxx	**15**		
Bieb bla numru	**17**		

Is-6 ta' Frar, 2024

Nru. 182

SOVRINTENDENZA TAL-PATRIMONJU KULTURALI

Inventarju Nazzjonali ta' Proprjetà Kulturali fil-Gżejjer Maltin

Is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali qiegħda tippubblika dawn is-siti mniżżla hawn taħt bħala parti mill-Inventarju Nazzjonali, skont Artiklu 7(5)(a) u Artiklu 53 tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali (Kap. 445).

6th February, 2024

No. 182

SUPERINTENDENCE OF CULTURAL HERITAGE

National Inventory of the Cultural Property of the Maltese Islands

The Superintendence of Cultural Heritage is publishing the sites listed hereunder as an addition to the National Inventory, in terms of Article 7(5)(a) and Article 53 of the Cultural Heritage Act (Cap. 445).

Nru. tal-Inv. *Inv. No.*	Isem tal-Propjetà *Name of Property*	Triq *Street*	Kunsill Lokali *Local Council*
02553	It-Torri tas-Semaforu ta' Ħal Għaxaq	Dawret Ħal Għaxaq and Triq iċ-Ċombini k/m Triq Ta' Loretu	Ħal Għaxaq
02254	It-Torri tas-Semaforu ta' Ħal Għargħur	Sqaq l-Imnieqa k/m Triq San Ġwann	Ħal Għargħur
02555	It-Torri ta' Kenuna (tas-Semaforu)	Triq l-Arċipriet Saver Cassar	In-Nadur
02556	Xelter	Lil hinn minn Triq il-Kunċizzjoni u Triq il-Wied tal-Imsida	L-Imsida
02557	Xelter	Triq Misraħ il-Barrieri, Triq Ċensu Farrugia u Triq l-Irmiġġ	L-Imsida
02558	Xelter	Lil hinn minn Triq ix-Xatt	Tal-Pietà
02559	Xelter	Triq Santa Monika k/m Triq Hookham Frere	Tal-Pietà
02560	Xelter	Triq Pietru Xuereb k/m Triq Danny Cremona	Tal-Pietà
02561	Xelter	Triq Roger Debattista k/m Triq il-Franġiskani	L-Imsida
02562	Xelter	Triq it-Tabib Robert Naudi k/m Triq Johnny Catania	L-Imsida

F'konformità mal-Artiklu 59(1) u l-Artiklu 70, ebda persuna ma għandha tagħmel xi żvilupp jew interventi fuq waħda minn dawn il-proprjetajiet, mingħajr ma l-ewwel tkun kisbet permess għalihom mingħand is-Sovrintendent,

In line with Article 59(1) and Article 70, no person shall make any development or intervention to any of these properties without having first obtained a permit from the Superintendent, and no person shall cause damages to any of

u ebda persuna ma għandha tikkaġuna danni lil waħda mill-proprjetajiet imniżżla, ukoll jekk sidha jkun il-persuna li kkaġunat il-ħsara, hekk kif dan jikkostitwixxi offiża punibbli bil-liġi.

Aktar dettalji dwar l-inventarju jistgħu jinkisbu minn:
(https://schmalta.mt),
(https://schmalta.maps.arcgis.com/apps/webappviewer/index.html).

Is-6 ta' Frar, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 26

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Ħaż-Żebbuġ

Nhar l-Erbgħa, 14 ta' Frar, 2024, mill-5.00 p.m. sas-7.30 p.m., minn Misraħ San Filippu u Triq Sciortino.

Ħal Qormi

Nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Frar, 2024, mill-5.30 p.m. sat-8.30 p.m., minn Triq San Ġorġ, Triq Dun Marju, Triq Pinto, Triq Santa Katarina u Triq il-Kbira.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-6 ta' Frar, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 27

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

the properties listed, even if such property is owned by the person, and doing so will constitute an offence punishable by law.

Further details on the inventory can be obtained from:
(https://schmalta.mt),
(https://schmalta.maps.arcgis.com/apps/webappviewer/index.html).

6th February, 2024

POLICE NOTICE

No. 26

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Ħaż-Żebbuġ

On Wednesday, 14th February, 2024, from 5.00 p.m. till 7.30 p.m., through Misraħ San Filippu and Triq Sciortino.

Ħal Qormi

On Friday, 16th February, 2024, from 5.30 p.m. till 8.30 p.m., through Triq San Ġorġ, Triq Dun Marju, Triq Pinto, Triq Santa Katarina and Triq il-Kbira.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

6th February, 2024

POLICE NOTICE

No. 27

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Iż-Żejtun

Nhar l-Erbgħa, 14 ta' Frar, 2024, mill-5.30 p.m. sas-7.30 p.m., pellegrinaġġ minn quddiem il-knisja parrokkjali, Triq Santa Katarina, Triq Sant'Anġlu, Triq Misraħ Karlu Diacono, Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill, Misraħ Girgor Bonnici u l-knisja parrokkjali.

Trasport pubbliku se jkun affettwat sakemm tgħaddi l-purċissjoni.

L-Isla

Nhar il-Ħamis, 8 ta' Marzu, 2024, minn nofsinhar sal-10.00 p.m., minn Pjazza Benedittu XV, Triq l-Arċisqof Mattei, Triq il-Ħabs l-Antik, Triq iż-Żewġ Mini, Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Vitorja u Triq San Pietru u San Pawl,

Trasport pubbliku se jkun affettwat mill-5.00 p.m. sat-8.30 p.m.;

Nhar il-Ħamis, 22 ta' Marzu, 2024, mit-3.00 p.m. sal-10.00 p.m., minn Pjazza Benedittu XV, Triq iż-Żewġ Mini, Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Vitorja u Triq San Ġiljan,

Trasport pubbliku se jkun affettwat mill-5.00 p.m. sat-8.00 p.m.;

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Marzu, 2024, mid-9.00 a.m. sal-11.00 a.m., minn Triq San Lawrenz,

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat;

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Marzu, 2024, mis-6.00 a.m. sal-10.00 a.m., through Triq il-Kurċifiss u Pjazza Benedittu XV,

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat;

Nhar il-Ħamis, 29 ta' Marzu, 2024, minn nofsinhar sal-11.00 p.m., minn Pjazza Benedittu XV, Triq l-Arċisqof Mattei, Triq iż-Żewġ Mini, Pjazza Francesco Zahra u Triq il-Vitorja,

Trasport pubbliku se jkun affettwat mill-5.00 p.m. sat-10.30 p.m.;

Nhar il-Ħadd, 31 ta' Marzu, 2024, mis-6.00 a.m. sal-4.00p.m., minn Pjazza Benedittu XV, Triq l-Arċisqof Mattei, Triq iż-Żewg Mini, Pjazza Francesco Zahra u Triq il-Vitorja,

Trasport pubbliku se jkun affettwat mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-6 ta' Frar, 2024

Żejtun

On Wednesday, 14th February, 2024, from 5.30 p.m. till 7.30 p.m., pilgrimage through in front of parish church, Triq Santa Katarina, Triq Sant'Anġlu, Triq Misraħ Karlu Diacono, Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill, Misraħ Girgor Bonnici and the parish church.

Public transport will also be affected till the passing of the procession.

Senglea

On Thursday, 8th March, 2024, from noon till 10.00 p.m. through Pjazza Benedittu XV, Triq l-Arċisqof Mattei, Triq il-Ħabs l-Antik, Triq iż-Żewġ Mini, Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Vitorja and Triq San Pietru u San Pawl,

Public transport shall also be effected from 5.00 p.m. till 8.30 p.m.;

On Thursday, 22nd March, 2024, from 3.00 p.m. till 10.00 p.m., through Pjazza Benedittu XV, Triq iż-Żewġ Mini, Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Vitorja and Triq San Ġiljan,

Public transport shall also be effected from 5.00 p.m. till 8.00 p.m.;

On Sunday, 24th March, 2024, from 9.00 a.m. till 11.00 a.m., through Triq San Lawrenz,

Public transport will not be affected;

On Saturday, 24th March, 2024, from 6.00 a.m. till 10.00 a.m., through Triq il-Kurċifiss and Pjazza Benedittu XV,

Public transport will not be affected;

On Thursday, 29th March, 2024, from noon till 11.00 p.m., through Pjazza Benedittu XV, Triq l-Arċisqof Mattei, Triq iż-Żewġ Mini, Pjazza Francesco Zahra and Triq il-Vitorja,

Public transport will also be effected from 5.00 p.m. till 10.30. p.m.;

On Sunday, 31st March, 2024, from 6.00 a.m. till 4.00 p.m., through Pjazza Benedittu XV, Triq l-Arċisqof Mattei, Triq iż-Żewg Mini, Pjazza Francesco Zahra and Triq il-Vitorja,

Public transport shall also be affected from 8.00 a.m. till 1.00 p.m.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

6th February, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 28

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Birkirkara

Nhar l-Erbgħa, 14 ta' Frar, 2024, mis-5.45 p.m. sas-7.15 p.m., minn Triq Tal-Ħerba, Triq Mike Pulis u Pjazza Sant'Elena.

Trasport pubbliku se jkun ukoll affettwat.

Ħal Balzan

Nhar l-Erbgħa, 14 ta' Frar, 2024, mis-5.45 p.m. sas-6.45 p.m., minn Triq it-Tliet Knejjes, Triq il-Kbira u Pjazza Bertu Fenech.

Trasport pubbliku se jkun ukoll affettwat.

Marsaxlokk

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Marzu, 2024, mit-8.30 a.m. sad-9.30 a.m., minn Triq San Ġużepp, Triq Santa Katarina, Triq Duncan u Pjazza Madonna Ta' Pompei.

Trasport pubbliku se jkun ukoll affettwat sakemm tgħaddi l-purċissjoni.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-6 ta' Frar, 2024

AVVIZ TAL-PULIZIJA

Vetturi bi Status ta' Abbandun/Ingombru miżmumin fil-Garaxx tal-Pulizjia, ir-Rabat, Għawdex

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf lill-pubbliku li l-vettura msemmija hawn taħt inġabret għall-finijiet tal-Artikoli 7 (1) u (2), u 8 (1) Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13 (Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' vetturi bil-mutur u Oġġetti tal-Ingombru).

Il-Kummissarju tal-Pulizija għandu jordna l-bejgħ ta' din il-vettura bil-mutur meta din ma titteħidx lura mis-

POLICE NOTICE

No. 28

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Birkirkara

On Wednesday, 14th February, 2024, from 5.45 p.m. till 7.15 p.m., through Triq Tal-Ħerba, Triq Mike Pulis and Pjazza Sant'Elena.

Public transport will be affected.

Ħal Balzan

On Wednesday, 14th February, 2024, from 5.45 p.m. till 6.45 p.m., through Triq it-Tliet Knejjes, Triq il-Kbira and Pjazza Bertu Fenech.

Public transport will be affected.

Marsaxlokk

On Sunday, 24th March, 2024, from 8.30 a.m. till 9.30 a.m., through Triq San Ġużepp, Triq Santa Katarina, Triq Duncan and Pjazza Madonna Ta' Pompei.

Public transport will also be affected till the passing of the procession.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

6th February, 2024

POLICE NOTICE

Impounded vehicles with Status of Derelict/ Encumbrance held at the Police Garage, Victoria, Gozo

The Commissioner of Police notifies the general public that the following vehicle has been removed by virtue of Article 7 (1) (2), and Article 8 (1) of Subsidiary Legislation 65.13 (Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations).

The Commissioner shall order the sale of this motor vehicle when it not retrieved by its lawful owner after having

sidien leġittimi tagħha wara li jkunu tħallsu l-arretrati u multi ma' TM/LESA fi żmien ħmistax-il jum minn din il-pubblikazzjoni.

Is-6 ta' Frar, 2024

Lott Nru *Lot no.*	Nru ta' Reġistrazzjoni *Registration no.*	Għamla *Make*	Mudell *Model*	Data tal-Irmonk *Date towed*	Post *Location*
Lot 1	JBQ427	Land Rover	Freelander	3/10/23	Gozo

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 8 tal-2024

Xogħlijiet b'rabta mal-breakwater il-ġdid ta' Buġibba – Xogħlijiet ta' tħammil u kostruzzjoni – Frar 2024

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara u lill-pubbliku ġenerali li xogħol ta' tħammil u kostruzzjoni b'rabta mal-breakwater il-ġdid ta' Buġibba issa se jkopri ż-żona tax-xogħol kollha u se jdum sakemm joħroġ avviż ieħor.

Ix-xogħol ta' tħammil u kostruzzjoni se jkopri ż-żona kif muri bl-aħmar f is-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt). Il-baħħara u l-pubbliku ġenerali għandhom jinnutaw li minn nofs Frar 2024 mhux se jkun permess irmiġġ fuq iż-żewġ naħat tal-breakwater ta' Buġibba, lanqas għal ħatt/tagħbija.

Matul dawn ix-xogħlijiet, iż-żona għandha tinżamm libera u l-bastimenti kollha fiż-żona għandhom jitneħħew. Kwalunkwe bastiment u rmiġġ li jitħallew fiż-żona wara d-data stipulata jitneħħew bi spejjeż ta' sidhom. L-Awtorità ma taċċetta ebda responsabbiltà għal kull ħsara li tista' tiġi kkawżata waqt li jitneħħew l-imsemmija bastimenti u rmiġġi.

Il-bastimenti involuti fix-xogħol tat-tħammil u l-kostruzzjoni għandhom jingħataw spazju wiesa' u se jkunu qed jesebixxu d-dwal u l-forom xierqa skont ir-rekwiżiti ta ir-Regoli Internazzjonali għall-Prevenzjoni tal-Kolliżjonijiet fuq il-Baħar (Colregs) 1972.

Uħud mix-xogħlijiet se jsiru minn bugħaddasa li se jkunu qed itajru l-Bandiera tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali 'A', waqt li jkunu qed isiru x-xogħlijiet.

Il-baħħara u l-operaturi tal-bastimenti għandhom jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità baxxa (mingħajr rima) meta jkunu fil-viċinanza u għandhom jikkoperaw mal-kuntrattur fuq il-post.

Il-baħħara għandhom josservaw l-istruzzjonijiet maħruġa fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS u kwalunkwe uffiċjali tal-infurzar fuq il-post.

paid all due arrears with TM/LESA, within fifteen days from the publication.

6th February, 2024

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 8 of 2024

Works in connection with the new Buġibba breakwater – Dredging and construction works – February 2024

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, hereby notifies mariners and the general public that dredging and construction work in connection with the new Bugibba breakwater will now cover the whole working area and will last until further notice.

The dredging and construction working area is as shown in red on the attached chart. Mariners and the general public are to note that as from mid-February 2024 no berthing will be allowed on both sides of the Bugibba breakwater, not even for un/loading.

During these works, the area is to be kept clear and all vessels within the area are to be removed. Any vessels and moorings that are left in the area after the stipulated date will be removed at the expense of their owner. No liability whatsover will be accepted by the Authority for any damage that may be caused while removing the said vessels and moorings.

The vessels engaged in the dredging and construction work are to be given a wide berth and will be exhibiting the appropriate lights and shapes in accordance with the requirements of the International Regulations for the Prevention of Collisions at Sea (Colregs) 1972.

Some of the works will be carried out by scuba divers who will be displaying the International Code of Signals Flag 'A', while works are being carried out.

Mariners and vessel operators are to navigate with caution and at slow speed (no wake) when in the vicinity and are to co-operate with the contractor on site.

Mariners are to comply with instructions issued on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and any enforcement officers on site.

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 175 tal-2023 huwa b'dan IKKANĊELLAT.

Chart affettwata: BA 211

Is-6 ta' Frar, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 4 tal-2024

Korrezzjoni taċ-Chart – Foul area (travu tal-azzar)

Qed issir referenza għal BA Chart 36 – marsaxlokk and approaches

BA Chart 2538 – Malta

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li tpoġġa travu tal-azzar fil-Punent Majjistru ta' bunkering area 2, fil-pożizzjoni approssimattiva li ġejja:

Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
35° 53'.043	014° 34'.437

Daħħal is-simbolu (#) li jindika 'foul area', fil-pożizzjoni ta' hawn fuq.

Pożizzjonijiet b'referenza għal WGS 84 DATUM.

Charts affettwati: BA 36, 2538

Is-6 ta' Frar, 2024

UFFIĊĊJU TAL-PRIM IMĦALLEF

Eżami għall-Warrants għall-Eżerċizzju tal-Professjoni ta' Avukat u tal-Professjoni ta' Prokuratur Legali

Ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd li s-sessjonijiet li jmiss għall-parti bil-miktub tal-eżamijiet għall-Warrant biex persuna teżerċita l-professjoni ta' Avukat u biex teżerċita l-professjoni ta' Prokuratur Legali se jsiru f'dawn id-dati:

Nhar is-Sibt, 6 ta' April, 2024 (l-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi mis-7 ta' Frar, 2024, mid-9.00 a.m., sa nofsinhar tal-21 ta' Frar, 2024); u

Nhar is-Sibt, 28 ta' Settembru, 2024 (l-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi mis-16 ta' Settembru, 2024, mid-9.00 a.m., sa nofsinhar tat-23 ta' Settembru, 2024)

L-applikazzjoni flimkien mad-dokumenti li jsostnu r-rekwiżiti mitluba mil-liġi ai termini tal-artikolu 81 u 87 tal-

Local Notice to Mariners No. 175 of 2023 is hereby CANCELLED.

Chart affected: BA 211

6th February, 2024

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 4 of 2024

Chart Correction – Foul area (steel beam)

Reference is made to BA Chart 36 – Marsaxlokk and approaches

BA Chart 2538 – Malta

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies Mariners that a steel beam has been laid to the west-northwest of Bunkering Area 2, in the following approximate position.

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 53'.043	014° 34'.437

Insert symbol (#) indicating a foul area, in the above position.

Positions are referred to WGS 84 DATUM.

Charts affected: BA 36, 2538

6th February, 2024

OFFICE OF THE CHIEF JUSTICE

Examination for the Warrants to Exercise the Profession of Advocate and the Profession of Legal Procurator

It is hereby notified for general information that the forthcoming sessions of the written part of the examinations for the Warrant to exercise the profession of Advocate and for the Warrant to practice the profession as a Legal Procurator will be held on the following dates:

On Saturday, 6th April, 2024 (applications to be submitted from 7th February, 2024, from 9.00am, till noon of 21st February, 2024); and

On Saturday, 28th September 2024 (applications to be submitted from 16th September, 2024, from 9.00am, till noon of 23rd September, 2024).

Applications together with the documents in terms of article 81 and 87 of Chapter 12 of the Laws of Malta are to

Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta għandhom jiġu sottomessi lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sad-dati tal-għeluq tal-applikazzjonijiet fuq imsemmija.

Id-dokumenti li għandhom jigu preżentati flimkien mal-applikazzjoni jikkonsistu fis-segwenti:

